MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010

Numru. 463/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

OMMISSIS

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar l- 10 ta’ Mejju 2010, ghal habta tas-6.15pm, filwaqt li kien fi Triq Villabate, gewwa Haz-Zabbar, dolozament bil- hsieb li jikkaguna ferita’ ta natura gravi fuq il- persuna ta’ Ommissis minn Hat- Attard, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt, billi saq il- vettura ta l- ghamla Mazda, mudell 3, bin- numru tar- registrazzjoni AMV- 216, fid-direzzjoni tal- istess Ommissis, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill- volonta’ tieghu;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi, saq il- vettura tal- ghamla Mazda, mudell 3, bin- numru tar- registrazzjoni AMV 216 b’ majnjiera perikoluza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, li l-Qorti giet informata bihom waqt is-smigh tal-kawza u t-trattazzjoni fuq il-piena, il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja ghal dan il-kaz hi ta’ prigunerija sospiza, flimkien ma’ Ordni ta’ Protezzjoni favur il-vittma.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 214 u 216 (1) (a) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 15 (1) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna l-iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' xahar millum.
Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Ommissis ai termini tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------